# Il-Ħadd 11.02.2018

1. It-Tnejn 12/02:
   - Fis-7:15pm - Quddiesa fis-Seminarju tal-Virtù li fiha s-Seminarsita mill-Parroċċa tagħna, Tony Pace, flimkien ma' xi seminaristi oħra, ser jirċievi l-Ministeru tal-Lettorat. Nawgurawlu u nitolbu għalih.

2. Il-Tlieta 13/02:
   - Fid-9:30am imiss il-Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani. Kulħadd mistieden.

3. L-Erbgħa 14/02, **l-Erbgħa tal-Irmied, il-bidu tar-RANDAN Imqaddes**:
   **Infakkru li matul dan il-jum hemm l-obbligu komuni għas-Sawm u l-Astinenza**:

   B'sawm għandna nifhmu ikla prinċipali fil-ġurnata, u b'astinenza nifhmu li wieħed:
   i) ma jiekolx laħam;
   ii) joqgħod lura minn xorb alkoħoliku;
   iii) ma jpejjipx;
   iv) irażżan l-infiq; u
   v) jiċċaħħad minn xi divertiment.

   Dan sabiex jużа l-ħin aħjar ħalli jieħu ħsieb aktar ruħu, billi:
   i) jieħu sehem f'Quddiesa, jew jitlob il-*Via Sagra*;
   ii) jitlob aktar mal-familja, eż. ir-Rużarju;
   iii) jaqra l-Bibbja;
   iv) jagħti karità; u
   v) jżur lill-morda jew lill-anzjani li huma weħidhom.

   - Fis-6:00pm - *Via Sagra* (N.B. Matul ir-Randan, tintalab hawn fil-knisja kull nhar t'Erbgħa u Ġimgħa, minflokk ir-Rużarju.)
   - Fis-6:30pm - Quddiesa li fiha niċċelebraw ċ-ċentralità tas-salib f'dan iż-żmien speċjali għall-Knisja, kif ukoll it-tberik u t-tqegħid tal-Irmied fuq rasna bħala sinjal ta' indiema, konverżjoni, u penitenza.

4. Il-Ġimgħa 16/02:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.

5. Is-Sibt 17/02:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

6. Il-Ħadd 18/02, **l-Ewwel Ħadd tar-Randan**.

7. Avviżi oħra:
   - Bħala Parroċċa qed norganizzaw Pellegrinaġġ għal Lourdes fi Franza bejn it-Tnejn 09/07 u l-Ġimgħa 13/07. Min hu interessat jieħu sehem, jista' jikseb aktar informazzjoni mill-Uffiċċju Parrokkjali.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 285 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti tar-restawr.
   - € 60 bħala donazzjonijiet bl-istess għanijiet.
   - € 265 minn ħarġa li kellna din il-ġimgħa. Grazzi mill-qalb.